



BAĠIT TAL-UE GĦALL-FUTUR

#EUBudget #EUROad2Sibiu #FutureofEurope



2 ta' Mejju 2018

IS-SOSTENIBBILTÀ, IL-ĦARSIEN TAL-AMB-JENT U L-ĠLIEDA KONTRA L-BIDLA FIL-KLIMA



GĦALIEX DIN HIJA PRIJORITÀ?

L-Unjoni Ewropea hija minn ta' quddiem fuq livell dinji f'politiki dwar is-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima. L-UE wriet l-impenn tagħha biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima permezz tal-integrazzjoni tal-infıq fuq l-azzjoni klimatika mal-programmi kollha tal-UE.

Il-Kummissjoni integrat l-azzjoni klimatika f'kull programm ewljeni ta' nfiq tal-UE, b'mod partikolari l-politika ta' koeżjoni, l-iżvilupp reġjonal, l-enerġija, it-trasport, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-Politika Agrikola Komuni kif ukoll il-politika ta' żvilupp tal-UE, li jagħmlu biex il-baġit tal-UE jsir mutur għal sostenibbiltà.

Il-Kummissjoni se tadotta fi tmiem is-sena Karta ta' Riflessjoni "Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030, dwar is-segwitu tal-Ğħanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU, inkluż dwar il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima" sabiex jiġu indirizzati modi possibbli ta' kif jistgħu jiġu integrati l-Ğħanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli ulterjuri fit-tfassil tal-politika tal-UE.



DAN XI JFISSEK F'TERMINI FINANZJARJI?

Sabiex jiġi implementat il-Ftehim ta' Pariġi u l-impenn lejn l-Ğħanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kummissjoni tipproponi li tgħollxi l-livell ta' ambizzjoni għal programmi għall-integrazzjoni tal-klima mal-UE kollha, b'mira ta' mill-inqas 25 % tan-nefqa tal-UE li tikkontribwixxi għall-objettivi tal-klima.

**20% INTEGRAZZJONI TA'
KWISTJONIJET KLIMATIĊI**

2014-2020



**25% INTEGRAZZJONI TA'
KWISTJONIJET KLIMATIĊI**

2021-2027





X'HEMM ĠDID FIL-PROPOSTI TAL-KUMMISSJONI?

Politika Agrikola Komuni modernizzata se tqiegħed enfażi akbar fuq l-ambjent u l-klima. Hija se tappoġġa tranżizzjoni lejn modi aktar sostenibbli ta' provvista ta' ikel sikur u ta' kwalità għolja għal 500 miljun konsumatur tal-UE. Il-Politika Agrikola Komuni riformata se jkollha l-objettivi ambjentali li se jissaħħu permezz ta' regoli mtejba. Il-bdiewa kollha li jirċievu pagamenti skont iż-żona se jkollhom jikkonformaw ma' firxa ta' rekwiżiti relatati mat-tibdil fil-klima, l-ilma, il-ħamrija, il-bijodiversità u l-pajsaġġi. Fl-istess ħin, il-Politika Agrikola Komuni l-ġidha tagħti lill-Istati Membri bosta possibbiltajiet biex jagħmlu l-implementazzjoni tagħha aktar semplicei għall-bdiewa.



B'LIEMA MOD IEĦOR IL-BAĠIT FUTUR TAL-UE SE JAGĦMEL DIFFERENZA F'DAN IL-QASAM??

- **LIFE** hu l-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika. Jiffoka fuq l-iżvilupp u l-implementazzjoni ta' metodi innovattivi biex iwieġbu għall-isfidi ambjentali u tal-klima, bħat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa. Il-programm LIFE se jkollu dedikat **EUR 5.4 biljun** fil-baġit tal-UE li jmiss.
- **Il-Politika ta' Koeżjoni**, b'baġit globali ta' **EUR 273 biljun**, jappoġġa l-iżvilupp sostenibbli permezz ta' investimenti fl-adattament għat-tibdil fil-klima u l-prevenzjoni tar-riskju u miżuri ta' protezzjoni ambjentali u l-infrastruttura. L-iżvilupp sostenibbli huwa stabbilit fir-regolamenti li jistabbilixxu fondi, u jridu jiġu promossi fl-istadji kollha matul it-ħnejja u l-implementazzjoni.
- **Orizzont Ewropa**, b'baġit ta' **EUR 97.6 biljun**, huwa programm ta' riċerka u innovazzjoni u xprunatur ta' tkabbi ekonomiku u impjiegi. Il-funzjoni tiegħu huwa li jappoġġa l-politiki tal-UE bħat-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, il-ħarsien tal-ambjent u l-azzjonijiet klimatiċi.
- **InvestEU** huwa strument ta' investiment ġdid tal-Unjoni. Huwa jipprovd garanzija tal-UE bil-ħsieb li jiġi mobilizzat finanzjament pubbliku u privat għal investimenti strateġiċi fl-appoġġ tal-politiki interni tal-UE. Jinkludi prova tas-sostenibbiltà ta' investiment u jgħin biex jorjenta l-flusxi kapitali lejn investimenti sostenibbli.



IL-PASSI LI JMISS

02/05 2018	01/06 2018	28-29/ 06/2018	12/09 2018	18-19/ 10/2018	13-14/ 12/2018	END OF 2018	21-22/ 03/2019	09/05 2019	... ➤
Qafas Finanzjarju Pluriennali lil hinn mill-pakkett 2020	Proposti settorjali leġiżlattivi għal programmi ta' nfiq	Il-Kunsill Ewropew	Id-Diskors tal-Istat tal-Unjoni tal-President Juncker	Il-Kunsill Ewropew	Il-Kunsill Ewropew	Il-Kummissjoni se tadotta fi tmiem is-sena Karta ta' Riflessjoni “Lejn Ewropa Sostenibbli sal-2030” , dwar is-segwitu tal-Għanijiet ta’ Żvilupp Sostenibbli tan-NU, inkluż dwar il-Ftehim ta’ Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima	Il-Kunsill Ewropew	Is-Summit ta’ Sibiu	